30 ta' April, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Maġġur John Bonello ne. *versus* Paolo Magro et**

**Ċitazzjoni — Art. 2032 (1) u 2029 tal-Kodiċi Ċivili Frustieri — Garanzija — Depożitu — Fidejussjoni — — Art. 8 tal-Ordinanza II tal-1949**

*Skond il-Liġi dwar il-Frustieri, kull somma ta' flus li tiġi depożitata mil-garanti favur frustier, biex dan ikun jista' jinżel l-art, tista' tkun użata biex jitħallas minnha kull ammont jew spiża maħruġa minn flus pubbliċi għall-manteniment tal-frustier jew ta' min jagħmel minnu, jew li saret xort'oħra minħabba fiħ waqt li jinsab f'dawn il-Gżejjer, jew għat-turufnament tiegħu, jew sabiex jinbgħat lura f'pajjiżu.*

*Il-konċett tal-leġislatur, meta għamel din id-dispożizzjoni, kien dak li jipproteġi l-erarju publiku għall-ispejjeż li jkun ħareġ għall-frustier u dipendenti tiegħu. B'mod li l-garanti li jkun għamel dak id-depożitu ma hux tenut iħallas id-djun li jagħmel il-frustier meta jkun hawn Malta, bħal ma huma spejjeż tal-ikel u alloġġ f'lukanda; u l-kreditur ta' dawn id-djun ma jistax jippretendi li għandu jitħallas mid-depożitu li l-garanti jkun għamel għall-finijiet tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija.*

*F'każa fejn il-kreditur jaġixxi kontra l-garanti biex jitħallas minn dak id-depożitu ma hux meħtieġ li jkun preżenti l-frustier li hu l-pretiż debitur. Għax il-kreditur mhux obligat jagħmel atti ġudizzjarji u proċeduri eżekuttivi kontra d-debitur tiegħu qabel ma jdur kontra l-garanti għall-ħlas. Difatti, il-liġi tassoġġetta l-garanti lejn il-kreditur bil-fatt unikament li d-debitur ma jkunx adempixxa l-obligu tiegħu, u ma tirrikjedix illi l-kreditur ma jkunx irnexxielu jottjeni dak l-adempiment mid-debitur; u għalhekk huwa biżżejjed li l-kreditur juri bil-provi li d-debitur*

*baqa' inadempjenti, u ma hemmx bżonn li jħarrek fil-kawża anki l-istess debitur.*

*Ċitazzjoni li biha ma jiġix imħarrek anki d-debitur flimkien mal-garanti, għalhekk, mhix irritwali.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, peress illi, sabiex ikunu ammessi jinżlu l-art hawn Malta l-frustieri ta' ċittadinanza taljana Fausto Zennaro, Glauco Scarlini, Pier Luigi Filippi, u Renata Broilo, il-konvenut Paolo Magro għamel mal-konvenut Cachia nomine, ossija mal-Uffiċjal tal-Immigrazzjoni, id-depożitu ta' flus għall kull wieħed mill-imsemmijin frustieri, rikjest mill-art. 8(1) (a) tal-Ordinanza II tal-1949; u peress illi, waqt li l-imsemmijin frustieri kienu jinsabu hawn Malta, l-attur ipprovda lill-istess frustieri l-ikel u l-alloġġ fil-lukanda tiegħu "Osborne Hotel", Valletta; u peress illi l-imsemmijin frustieri ma ħallsux l-ispiża ta' dan l-ikel u l-alloġġ, b'mod illi baqgħu debituri lejn l-attur, ċjoè Fausto Zennaro fis-somma ta' £58. 15s. 4d., Glauco Scarlini fis-somma ta' £20. 19s. 9d., Pier Luigi Filippi fis-somma ta' £27. 10s. 11d., u Renata Broilo fis-somma ta' £39. 5s. 9d., għall-ispiża tal-istess alloġġ u ikel fornit lilhom mill-attur; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħti kwalunkwe provvediment opportun, talab li l-flus depożitati mill-konvenut Magro, kif fuq imsemmi, għal kull wieħed mill-frustieri fuq menzjonati, jitħallsu lill-attur sal-entranti kwantità tal-ispiża erogata għal kull wieħed mill-istess frustieri, kif fuq indikat, għall-ikel u alloġġ tagħhom waqt li kienu Malta. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-27 ta' April 1955;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Magro, li biha ssottometta li d-depożitu magħmul minnu skond l-art. 8 tal-Ordinanza II tal-1949 huwa biss a favur tal-Gvern, "biex titħallas minnu kull spiża maħruġa minn flus pubbliċi għall-manteniment tal-frustier jew dipendenti tiegħu, jew li xort'oħra saret din l-ispiża publika minħabba fil-frustier jew dipendenti waqt li kien Malta, jew għat-turufnament tal-istess"; u għalhekk it-talbiet huma infondati;

Rat in-nota ta' ulterjuri eċċezzjoni tal-istess konvenut Magro, li biha oppona li l-kawża hija magħmula ħażina.

għax id-debitur li suppost għandu jagħti mhux fil-kawża, u d-depożitu magħmul mill-eċċipjent sar bi flus tiegħu; u għalhekk talab li jkun liberat "ab observantia";

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-27 ta' Jannar 1956, li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-ġudizzju opposta mill-konvenut Magro, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u ġiet respinta t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Dwar l-irritwalità taċ-ċitazzjoni;

Illi, fuq dina l-eċċezzjoni, l-attur fid-dibattitu orali osserva illi l-obligazzjoni tal-konvenut Magro ma tammontax għal fidejussjoni; għaliex huwa ma kellu ebda rapport malfrustieri garantiti minnu, u kwindi dawn ma kienx hemm bżonn li jkunu fil-kawża. Dana r-raġunament, però, huwa kuntrarju għall-art. 2032 (1) tal-Kodiċi Ċivili, li jiddisponi illi l-fidejussjoni tista' tingħata anki mingħajr ma tkun talbet, jew mingħajr ma tkun taf, il-persuna li għaliha tkun ġiet prestata;

Illi, kwantu għall-meritu tal- eċċezzjoni, ta' min josserva illi, skond id-definizzjoni mogħtija mill-art. 2029 Kod. Ċiv., il-fidejussjoni hija kuntratt li biħ wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obligazzjoni ta' wieħed ieħor, "jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu". Skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna, dan ifisser illi l-kreditur mhux obligat jagħmel proċeduri ġudizzjarji u atti eżekuttivi kontra d-debitur qabel ma jmur kontra l-garanti għall-ħlas. Difatti, il-liġi tassoġġetta l-garanti lejn il-kreditur bil-fatt unikament li d-debitur ma jkunx adempixxa l-obligu tiegħu, u ma tirrikjedix illi l-kreditur ma jkunx irnexxielu jottjeni l-adempiment mid-debitur; għalhekk huwa biżżejjed li l-kreditur juri bil-provi li d-debitur baqa' inadempjenti, u ma hemmx bżonn li jħarrek fil-kawża anki l-istess debitur (Kollez. XII, 394; u XXVI-I-28);

Illi mix-xhieda ta' Walter Fenech (fol. 15) jirriżulta li l-persuni ndikati fiċ-ċitazzjoni, garantiti mill-konvenut Magro, għandhom jagħtu l-ammonti hemm speċifikati; u dan hu biżżejjed għall-integrità tal-ġudizzju tar-rifużjoni propost mill-attur;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni tal-konvenut Magro hija insostenibbli, u tistħoqqilha tiġi respinta;

Illi l-konvenut issottometta, fil-meritu, illi l-garanzija ġiet minnu prestata a favur tal-Gvern, u mhux ukoll favur l-attur, u għalhekk dana ma għandu ebda azzjoni kontra tiegħu;

Illi f'dan ir-rigward ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi d-depożitu li għamel il-konvenut Magro sar għall-finijiet tal-Ordinanza tal-Barranin, jiġifieri l-Ordinanza Nru. II tal-1949. Skond l-art. 8 (2), "kull somma ta' flus depożitata skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artiklu tista' tkun użata biex titħallas minnha kull spiża maħruġa minn flus pubbliċi għall-manteninment tal-barrani jew ta' min jagħmel minnu, jew li saret xort'oħra minħabba fih jew fihom waqt li jinstabu fil-Gżira, jew għat-turufnament tagħhom, jew sabiex jinbgħatu lura f'pajjiżhom". L-attur jippretendi illi l-espressjoni "ta' spiża li saret xort'oħra" ("incurred otherwise") tfisser dik li ma tkunx saret mill-Gvern, imma mill-privat. Il-konvenut isostni li dik l-espressjoni tirriferixxi għall-iskop li għalieh tkun saret, jiġifieri għal skopi differenti minn dawk speċifikati fil-liġi, manteniment u turufnament tal-frustier u tad-dipendenti minnu, imma dejjem ta' somma maħruġa minn flus pubbliċi;

Illi l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-iskop tal-liġi u r-rapporti li jinħolqu fil-konfront tal-garanti, tħoss li l-interpretazzjoni aktar konsona mal-ispiritu tal-liġi hija dik sottomessa mill-konvenut. Difatti, din l-ispeċi ta' garanzija tingħata taħt forma ta' depożitu f'idejn l-Uffiċjal tal-Immigrazzjoni (art. 8 (1); u dana jiġi restitwit, kollu jew parti, meta dan l-Uffiċjal ikun ra li l-kondizzjonijiet u l-iskopi li għalihom sar id-depożitu jkunu jew adempiti. Naturalment, f'dina l-indaġini dak l-Uffiċjal jara biss il-flus li ħareġ il-Gvern, u mhux anki dawk li jkun tal-volta ħareġ il-privat; tant hu hekk illi d-debituri setgħu jsiefru liberament, u l-garanti kien jista' jieħu lura d-depożitu kollu, kieku dan ma ġiex sekwestrat mill-attur għall-fini ta' din il-kawża (ara nota fol. 7);

Illi, ladarba l-garanzija ġiet mill-konvenut Magro prestata favur il-Gvern, mhux leċitu li tkun estiża anki favur l-attur. Il-fidejussjoni hija "strictissimi juris", u l-interpretazzjoni tagħha hija għaldaqstant restrittiva. Jgħid Baudry:— "Nel diritto antico francese si diceva che la

fideiussione non poteva essere estesa 'de re ad rem, de persona ad personam, da tempore ad tempus'. Questa soluzione si giustifica cogli stessi motivi pei quali si esige che la fideiussione venga prestata mediante stipulazione espressa. Egli è così che va intesa la parte finale dell'articolo 2015" (li jikkorrispondi għall-art 1698 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna). U għalhekk, ikompli l-istess awtur, "in caso di dubbio si deve interpretare il contratto nel senso più favorevole al fideiussore, cioè nel senso più restrittivo" (Fideiussione, para. 994);

Rat in-nota tal-appell tal-attur nomine, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata in kwantu rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-azzjoni opposta mill-konvenut Magro, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiġi revokata in kwantu rrespinġiet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, billi t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tiġi milqugħa, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Magro;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-azzjoni preżenti hija bażata fuq id-dispożizzjoni tal-art. 8 (2) tal-Ordinanza Nru. II tal-1949, u l-kwistjoni nvoluta hija jekk id-depożitu stabbilit fl-ewwel subartikolu tal-istess artikolu huwiex intiż biex ikopri biss spejjeż erogati minn fondi publiċi, jew għandux jiġi estiż għall-spejjeż erogati minn nies privati;

Illi bl-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 8 (2) jinsab stabbilit li "kull somma ta' flus depożitata skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tkun użata biex titħallas minnha kull spiża maħruġa minn flus publiċi għall-manteniment ta' barrani, jew ta' min jagħmel minnu, jew li saret xort'oħra minħabba fih, jew fihom, waqt li jinsabu f'dawn il-Gżejjer, jew għat-turufnament tiegħu jew tagħhom, jew sabiex jinbgħatu lura f'pajjiżhom";

L-appellant jirriferixxi ruħu għat-test ingliż, fejn jgħid li s-somma depożitata "may be applied in meeting any charges incurred by public funds for the maintenance of the alien or his dependants, or incurred otherwise in connection with him or them while in the Island, or for his or their deportation or repatriation". U jsostni li bir-ripe-

tizzjoni tal-kelma "incurred", bil-kelma l-oħra "otherwise" warajha, il-liġi għandha tiftiehem li riedet tikkomprendi spejjeż oħra mhux erogati minn "public funds". Kontra dina l-pretensjoni tal-appellant għandu jiġi rilevat li mill-kontest tal-imsemmija dispożizzjoni ma jistax jiġi ritenut li bil-kliem "incurred otherwise" il-leġislatur ried jirriferrixxi u jalludi għal spejjeż oħra mhux maħruġin minn "public funds"; għar-raġuni li immedjatament wara jinsabu msemmijin l-ispejjeż tad-deportazzjoni u tar-rimpatriju, li huwa magħruf li jiġu erogati mill-Gvern. Dana juri li fid-dispożizzjoni in eżami l-konċett tal-leġislatur kien wieħed u uniformi, jiġifieri dak li jipproteġi l-erarju publiku għall-ispejjeż li jkun ħareġ għall-frustier u dipendenti tiegħu;

Din il-konklużjoni tinsab imsaħħa mill-konsiderazzjonijiet hawn taħt miġjuba:—

(a) L-imsemmija Ordinanza nru. II tal-1949 irrevokat l-Ordinanza preċedenti dwar il-Frustieri (Kap. 45 Ediz. Riv.), li fiha kienu jinsabu dispożizzjonijiet (art. 14 u 25) fejn jingħad li l-obligazzjoni tal-frustieri, bil-pleġġerija solidali tal-Konslu tan-Nazzjon tiegħu jew ta' persuna oħra solvibbli, kienet intiża biex hu ma jkunx ta' piż għall-Gvern "jew għan-nies ta' dawn il-Gżejjer", matul iż-żmien li joqgħod fihom. Fl-art. 25 jinsab kontemplat il-każ ta' frustier li ma jkollux mezzi onesti biex jgħix, u jsir ta' piż tal-Gvern "jew għan-nies ta' dawn il-Gżejjer"; u kien jistabbilixxi li l-pleġġ tiegħu kien jista' jiġi ordnat li jħallas l-ispejjeż tal-manteniment tiegħu sakemm tinqala' okkażjoni biex jinbgħat minn dawn il-Gżejjer, u l-ispejjeż tal-passaġġ tiegħu, kif ukoll kull spiża oħra li jkun għamel il-Gvern minħabba fih. Il-fatt li fl-Ordinanza nru. II tal-1949 ma ġewx riprodotti dawk id-dispożizzjonijiet li fil-liġi preċedenti, bl-istess Ordinanza revokata, kienu jinsabu favur "in-nies ta' dawn il-Gżejjer", juri li l-leġislatur ried jiddipartixxi minnhom, u ma riedx jinkludihom fil-liġi l-ġdida;

(b) Bil-liġi l-ġdida (Ordinanza nru. II tal-1949) ġiet introdotta dispożizzjoni (art. 6(a)), li biha huwa inibit lill-frustier li jinżel Malta, jekk ma jkunx f'pożizzjoni li jgħajjex lilu nnifsu u lid-dipendenti tiegħu. L-iskop ta' din id-dispożizzjoni kien evidentement dak li jevita li l-frus-

tier u d-dipendenti tiegħu jkunu ta' piż lil min imantnihom, u li jassikura li, indipendentement mid-depożitu msemmi fl-art. 8, ikollu flus biżżejjed biex jagħmel fronti għal dawk l-ispejjeż ta' manteniment, u b'hekk in-nies li jfornulu dak il-manteniment ikunu salvagwardati u mhux preġudikati fl-interessi tagħhom. Huwa leċitu li wieħed jikkonkjudi li bid-dispożizzjoni ġdida tal-art. 6(a) tal-Ordinanza Nru. II tal-1949 il-leġislatur ried jintroduċi favur "in-nies ta' dawn il-Gżejjer" l-imsemmija kawtela għall-eventwali drittijiet tagħhom minflok dak li kien jinsab stabbilit fl-Ordinanza ta' qabel;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-appell tal-attur nomine ma jistax jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell fil-kap devolut lil din il-Qorti, u tikkonferma l-istess Kap tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.